MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Numru. 405/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Ludvig Cassar**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Ludvig Cassar ta' 33 sena bin il-mejjet Emanuel u Mary Anne nee' Veneziani, imwieled il-Pieta' fl-1 ta' Mejju, 1977 u residenti fil-font numru: Flt Nru. 12, Triq il-Mithna, Bormla jew Nru. 5 Sqaq il-Wied, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 354777(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-perjodu ta' bejn l-20 u d-29 ta' Ottubru, 2009, appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li kienet giet fdata jew

ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Ottubru 2012 (esebit a fol. 23 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw l-allegata misapproprijazzjoni ta’ console tal-Playstation propjeta’ ta’ Darryl George Azzopardi. Meta dan tal-ahhar xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-31 ta’ Jannar 2013 huwa spjega li kien propjetarju ta’ console tal-Playstation u li xi zmien qabel meta huwa kien jaghmilha ma certu Stephen Vella kien ha din il-console tal-Playstation fil-garaxx ta’ Vella u halliha hemm. Wara li ma baqghux jaghmluha flimkien huwa jghid li cempel lil Stephen Vella sabiex jerga’ jigbor il-console tal-Playstation u jghid li meta cempillu kien ghand ommu fejn kien hemm ukoll il-kugin tieghu, l-imputat Ludwig Cassar, li sema’ l-konversazzjoni ma Vella u jghid li meta dan tal-ahhar

irritorna l-Playstation dan taha lil Ludwig Cassar ghaliex rah diehel fil-blokk tal-flats fejn kienet toqghod ommu u dan (l-imputat) qallu li kien ser jaghtiha lil Azzopardi. Meta xehed Stephen Vella huwa kkonferma li Darryl Azzopardi kien halla l-Playstation ghandu u spjega li meta ma baqghux jaghmluha flimkien Azzopardi kien cempillu sabiex jaghtih lura l-Playstation u kien qallu li kien ser jigborha Ludwig Cassar. Vella jghid li wara li kkonsenja l-console lil Cassar dan cempillu u qallu li l-istess console ma kinitx qed tahdem u rega' hadielu lura. Vella jghid li huwa mbaghad hadha sabiex tissewwa izda wara li gie nfurmat li din ma kinitx tissewwa kien xtara console gdid u hadu lil Ludwig Cassar f'Bormla. Stephen Vella qal li huwa kien zamm il-garanzija tal-console il-gdid u kien ghaddieh lill-Ufficjal Investigattiv l-Ex-Spettur Jesmond Borg u qal li kien hallas madwar €120 sabiex jixtri l-Playstation il-gdida. Il-Qorti tirrileva li din il-garanzija qatt ma giet esebita f'dawn l-atti.  Il-Qorti tirrileva inoltre li meta xehed f'dawn il-proceduri l-ex Spettur Jesmond Borg waqt l-udjenza tad-19 ta' April 2013 huwa indika li Stephen Vella kien il-propjetarju tal-console tal-Playstation u li dan kien halla l-console lil Darryl Azzopardi u kien dan tal-ahhar li kien ta l-console lill-imputat, u cioe' kompletament l-oppost li xehdu Azzopardi u Vella f'dawn il-proceduri. Meta xehed l-imputat waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2013 huwa cahad li kien rcieva xi console tal-Playstation minghand Vella jew Azzopardi.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' misapproprijazzjoni kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali liema Artikoli jipprovdu s-segwenti:-

***"293** Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, ilpiena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti*.

***294.** Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, lazzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Minn ezami akkurat tal-atti processwali l-Qorti setghat tikkonstata li ma giet prezentata ebda kwerela jew rapport li setghu gew maghmula la da parti ta' Darryl George Azzopardi u l-anqas da parti ta' Stephen Vella. Irid jigi rilevat inoltre li meta xehed f'dawn il-proceduri Darryl Azzopardi huwa qal li ma kien ghamel ebda rapport lil Pulizija u qal li hu, Ludwig Cassar u Stephen Vella kienu lkoll marru l-Ghassa tal-Pulizija rigward il-console tal-Playstation izda qal li huwa 'ma kienx fetah kaz' 'kontra l-imputat.

Mill-provi minn imkien ma jirrizulta li l-imputat seta' rcieva l-console tal-Playstation minhabba l-professjoni, industrija jew kummerc tieghu u isegwi ghalhekk li l-Artikolu 294 m'huwiex applikabbli u li kienet mehtiega l-kwerela tal-parti leza sabiex jitmexxew dawn il-proceduri. Kif diga' gie spjegat fil-paragrafu precedenti tali kwerela ma jirrizultax li qatt saret u isegwi ghalhekk li l-Prosekuzzjoni ma setghatx tibda u tkompli dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------